

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10135/26

ECOFIN 743
UEM 221
SOC 331
EMPL 160
COMPET 690
ENV 633
EDUC 215
ENER 332
JAI 744
GENDER 71
JEUN 112
SAN 408
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 218 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja ta' Malta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 218 final.

Mehmuż: COM(2026) 218 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026
COM(2026) 218 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarja ta' Malta

{SWD(2026) 218 final}

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarja ta' Malta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (2) Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509⁽²⁾. Il-proposta għandha l-għan li żżid l-

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955

effettività tal-finanzjament tal-Unjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura finanzjarja u li tappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tagħhom f'konformità mal-Artikolu 175 tat-TFUE. Fil-25 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2025 ta' Malta. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifika lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li tanalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ⁽³⁾ fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

- (3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Dan jidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastru kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività, u jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinholq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.
- (4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ⁽⁴⁾. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-tweġiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għal Malta. Ivvaluta l-progress ta' Malta fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-RRP ta' Malta. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa Malta. Huwa vvaluta wkoll il-progress ta' Malta fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u

u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, COM(2025) 565 final. Ir-Regolament propost bħalissa huwa s-suġġett ta' negozjati mal-koleġislaturi.

³ ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

t-tnaqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (6) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Malta⁵. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2028, u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq 4 snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 6,0 % fl-2025, 5,8 % fl-2026, 5,8 % fl-2027, u 6,1 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għall-2023 ta' 13,8 % fl-2025, 20,4 % fl-2026, 27,4 % fl-2027, u 35,1 % fl-2028. Fis-senji 2025-2027, dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta jikkoinċidu mal-perkors korrettiv, kif irrakkomandat mill-Kunsill fl-Artikolu 126(7) TFUE fil-21 ta' Jannar 2025 bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv⁽⁶⁾. Wara l-korrezzjoni f'waqtha u dejjiema tad-defiċit eċċessiv, fi [data] il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, adotta Deċiżjoni skont l-Artikolu 126(12) TFUE⁽⁷⁾ li tabroga d-Deċiżjoni preċedenti tiegħu li tistabbilixxi l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv⁽⁸⁾.
- (7) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża⁽⁹⁾ u din il-proposta ntlagħhet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri xorta jistgħu jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fi kwalunkwe ħin sal-2028, jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263.
- (8) Fit-30 ta' April, Malta ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha tal-2026⁽¹⁰⁾ dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta' Malta a dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241. Ir-rapport dwar l-azzjoni meħuda skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv huwa integrat fir-Rapport ta' Progress Annwali.

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju ta' Malta (ĠU C, C/2025/649, 10 ta' Frar 2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/649/oj>).

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'Malta, adottata fil-21 ta' Jannar 2025. Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura tad-defiċit eċċessiv ta' Malta jinsabu hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/Malta_en.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/[ĠU: jekk jogħġbok daħħal] ta' [data] li tabroga d-Deċiżjoni 2024/2128 UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta (ĠU [jekk jogħġbok daħħal ir-referenzi tal-ĠU rilevanti]).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2128 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta, ĠU L, 2024/2128, 01.08.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2128/oj>.

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

¹⁰ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali tal-2026 huma disponibbli fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

- (9) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 4,0 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 2,4 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 3,7 % fl-2026 u 3,6 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP se tkun ta' 2,7 % fl-2026 u 2,3 % fl-2027.
- (10) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ⁽¹¹⁾, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' Malta naqas minn 3,4 % tal-PDG fl-2024 għal 2,2 % tal-PDG fl-2025. It-tnaqqis fid-defiċit fl-2025 jirrifletti tkabbir għoli fid-dħul, inkluż minn tassazzjoni korporattiva u indiretta, prinċipalment xprunat mill-espansjoni tal-PDG nominali u tal-bażijiet tat-taxxa, kif ukoll dħul sinifikanti mhux mistenni mit-taxxa. Min-naħa l-oħra, minkejja n-nuqqas ta' ripetizzjoni ta' trasferiment kapitali mdaqqa mogħti lill-kumpanija tal-ajru nazzjonali fl-2024, in-nefqa tal-gvern kompliet tiżdied b'mod sinifikanti, b'żidiet sostanzjali fil-kont tal-pagi tal-gvern u fil-konsum intermedju, kif ukoll nefqa ta' darba li tirriżulta minn deċiżjoni tal-qorti. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 2,2 % tal-PDG fl-2026 u 2,1 % fl-2027.
- (11) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ⁽¹²⁾, li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm nazzjonalment kif ukoll mill-UE, kienet restrittiva, b'0,6 % tal-PDG fl-2025. Hija pproġettata li tkun ġeneralment newtrali fl-2026 u restrittiva, b'0,5 % tal-PDG, fl-2027.
- (12) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ⁽¹³⁾, id-dejn tal-gvern estiż ta' Malta żdied minn 45,9 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 46,4 % tal-PDG fi tmiem l-2025. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 46,2 % sa tmiem l-2026 u jibqa' stabbli f'dak il-livell sa tmiem l-2027.
- (13) Abbażi tad-data tal-Eurostat⁽¹⁴⁾, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż f'Malta ammontat għal 0,5 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-2026 tal-Kummissjoni, hija projettata li tkun 0,6 % tal-PDG fl-2026.
- (14) L-Unjoni tkompli tiffaċċja riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, Malta ma adottatx miżuri ġodda ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti⁽¹⁵⁾. Madankollu, mill-kriżi tal-enerġija fl-2022, Malta żammet il-prezzijiet tal-elettriku u tal-fjuwil bl-imnut iffriżati fost l-aktar livelli baxxi fl-UE. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn is-sussidji tal-enerġija mhux

¹¹ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

¹² Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

¹³ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

¹⁴ Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

¹⁵ Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-tbassir tar-Rebbiegħa tal-2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

temporanji u mhux immirati huwa pprojetat li jizzied minn 0,9 % tal-PDG fl-2025 għal madwar 1,4 % tal-PDG fl-2026.

- (15) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta f'Malta kibret b'5,6 % fl-2025 u b'22,2 % b'mod kumulattiv matul l-2024 u l-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 2,3 % tal-PDG f'termini kumulattivi.
- (16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta f'Malta hija pprojetata li tikber b'6,1 % fl-2026 u b'29,7 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir ipprojetat fin-nefqa netta fl-2026 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,1 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv projettata tan-nefqa netta hija wkoll ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 2,2 % tal-PDG f'termini kumulattivi.
- (17) It-tnaqqis tal-lakuni tat-taxxa billi tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, l-indirizzar tal-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa jibqgħu importanti biex jiġu żgurati sistemi tat-taxxa ġusti u effiċjenti. Il-proporzjon totali tad-dħul mit-taxxa għall-PDG ta' Malta huwa ferm taħt il-medja tal-UE, u jiddependi ħafna fuq it-tassazzjoni korporattiva. It-taħlita ġenerali tat-taxxa tagħha hija limitata, u tirrifletti biss sehem żgħir tat-tassazzjoni ambjentali u n-nuqqas ta' taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà. Fid-dawl tal-effetti kollaterali ta' strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa bejn l-Istati Membri, azzjoni koordinata biex tikkomplementa l-leġiżlazzjoni tal-UE permezz ta' politiki nazzjonali mill-Istati Membri kollha hija ta' importanza kbira. Malta ħadet azzjonijiet biex tindirizza prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa allinjati mal-istandards tal-UE, il-gwida tal-OECD, u l-obbligi tagħha skont il-qafas tal-Kodiċi ta' Kondotta. Madankollu, sakemm Malta tapplika taxxi minn ras l-għajn – jew miżuri difensivi ekwivalenti – fuq pagamenti ta' mgħax, dividendi u royalties magħmula minn kumpaniji bbażati f'Malta lil ġurisdizzjonijiet b'taxxa żero u baxxa biex jiġi żgurat li d-ditti ma jkunux jistgħu jittrasferixxu l-profitti tagħhom lejn pajjiżi mhux tal-UE mingħajr ma jiġu ntaxxati, ir-riskju ta' nontassazzjoni doppja ta' dawn il-profitti jibqa' għoli. Barra minn hekk, it-trattament ta' kumpaniji residenti mhux domiċiljati jkompli joħloq riskju ta' nontassazzjoni doppja kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-individwi.
- (18) Is-settur tal-pensjonijiet supplimentari ta' Malta għandu lok għal tkabbir biex jappoġġa l-adeqwatezza tal-introjtu tal-irtirar u jtaffi l-pressjonijiet fiskali futuri mit-tixjijih demografiku. Filwaqt li huma disponibbli skemi tal-pensjoni volontarji tat-tieni u t-tielet pilastru, il-parteċipazzjoni tibqa' limitata. Min-naħa l-oħra, is-sistema tal-pensjonijiet ta' Malta tiddependi ħafna fuq l-iskema tal-ewwel pilastru, li hija soġġetta għal limiti massimi li jnaqqsu l-proporzjon medju tal-benefiċċji għal madwar 38,3 %, wieħed mill-aktar baxxi fl-UE meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 47 %. It-tisħiħ tal-pensjonijiet supplimentari jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-adeqwatezza tal-introjtu tal-irtirar u għat-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
- (19) L-involvement sistematiku, sinifikanti u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (20) L-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (CF), f'Malta hija oġġla mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. Malta diġà qed tiegħu azzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħha biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi oqsma jistgħu jeħtieġu aktar tisħiħ fl-implimentazzjoni, inklużi dawk relatati mal-effiċjenza enerġetika u l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli kif ukoll l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni ugwali fis-suq tax-xogħol. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati minn Malta fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu ⁽¹⁶⁾, jintużaw malajr u b'mod effettiv.
- (21) Malta qed tiffaċċa diversi sfidi relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, l-attrazzjoni u ż-żamma ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, is-sistema ġudizzjarja, il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika fil-bini, il-konġestjoni tat-traffiku u l-mobbiltà sostenibbli, is-sussidji għoljin għall-fjuwils fossili, il-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-ispariġġ fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet, l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kwalità tal-impjiegi f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet, u l-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma.
- (22) Ir-riċerka u l-innovazzjoni għad għandhom rwol żgħir fl-ekonomija ta' Malta, b'investiment persistentement baxx fir-riċerka u l-innovazzjoni li jillimita l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-pajjiż. L-intensità ġenerali tar-R&Ż ta' Malta għadha fost l-aktar baxxi fl-UE (0,54 % tal-PDG fl-2024 vs il-medja tal-UE ta' 2,24 %), li tirrifletti l-investiment ristrett kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. In-nefqa pubblika fuq ir-R&Ż hija partikolarment baxxa (0,16 % tal-PDG fl-2024 vs il-medja tal-UE ta' 0,72 %), u dan ixekkel il-kapaċità tal-istituzzjonijiet tar-riċerka li jiżviluppaw kapaċitajiet xjentifiċi b'saħħithom. Toħroġ stampa simili għall-investiment privat, bin-nefqa bħala perċentwal tal-PDG tibqa' dgħajfa (0,38 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 1,49 %) u l-użu tal-iskemi ta' appoġġ mid-ditti huwa limitat. B'mod ġenerali, il-miżuri ewlenin li jstimulaw kemm l-investiment pubbliku kif ukoll dak privat għadhom fi stadju bikri, l-iskemi ta' appoġġ pubbliku jeħtieġu implimentazzjoni aktar immirata, u kooperazzjoni msaħħa bejn l-akkademja u n-negozju hija essenzjali biex titrawwem l-innovazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi.
- (23) Il-kapaċità ta' Malta li tagħmel tranżizzjoni lejn ekonomija bi produttività oġġla tiddependi fuq il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm ħaddiema b'ħiliet għolja. In-nuqqas u l-ispariġġ persistenti ta' ħaddiema u ħiliet, b'mod partikolari f'okkupazzjonijiet b'livell għoli ta' ħiliet u STEM, jistgħu jfixxlu l-prospetti ta' tkabbir ta' Malta. Filwaqt li Malta ħadet xi passi biex tattira u żżomm ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, huma meħtieġa aktar sforzi inkluż permezz ta' użu aktar immirat ta' migrazzjoni b'ħiliet biex tappoġġa t-tkabbir f'setturi b'valur miżjud għoli tal-ekonomija tagħha. It-tisħiħ tal-użu ta' għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet fil-politika tal-iżvilupp ekonomiku, u l-iżvilupp tal-infrastruttura ekonomika, legali u

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

soċjali biex jiġi attirat u jinżamm it-talent jistgħu jappoġġaw l-adattament ta' Malta għal mudell ta' tkabbir oġhla fil-produttività.

- (24) Is-sistema ġudizzjarja għadha qed tiffaċċja dewmien sinifikanti, biż-żmien meħtieġ biex jintlaħqu deċiżjonijiet ġudizzjarji f'kawżi ċivili u kummerċjali fil-prim' istanza wieħed mill-oġhla fl-UE. Iż-żmien meħud biex jiġu solvuti kawżi amministrattivi fil-prim' istanza jibqa' l-itwal fl-UE. Minkejja l-progress irregiſtrat f'dawn l-aħħar snin, ir-riżorsi għall-ġudikatura għadhom ta' tħassib, b'nuqqas ta' bini u persunal. B'mod partikolari, l-għadd ta' mħallfin per capita huwa t-tielet l-aktar baxx fl-UE, b'ammont kbir ħafna ta' kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi għal kull imħallef. Minkejja l-progress moderat fid-diġitalizzazzjoni, hemm dewmien fl-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għall-ġustizzja diġitali u għad hemm lakuni kritiċi, bil-funzjonijiet ġudizzjarji ewlenin jibqgħu bbażati fuq il-karta. Malta għadha lura meta mqabbla ma' Stati Membri oħra fil-promozzjoni ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, li jista' jkollha rwol importanti biex ittaffi l-persjoni fuq is-sistema ġudizzjarja. Ir-rieżami u t-titjib tal-kodiċijiet tal-proċedura ġudizzjarja jgħinu wkoll biex jitħaffu l-proċessi.
- (25) Is-sehem ta' Malta ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija (17,2 % fl-2024) u fit-taħlita tal-elettriku (16,7 % fl-2025) għadu baxx ħafna u ferm taħt il-medja tal-UE. Il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli ġejja kważi esklużivament mill-enerġija solari, b'parti żgħira ħafna ta' bijomassa/fjuwils rinnovabbli kombustibbli, u mingħajr ebda ġenerazzjoni ta' enerġija mir-riħ jew idroelettrika rregiſtrata. Malta ħabbret li park eoliku ġdid lil hinn mill-kosta galleġġanti huwa mistenni li jkun lest sal-2033, li jirrappreżenta pass importanti fiż-żieda tal-kapaċità installata tal-enerġija rinnovabbli. Hemm lok biex jiġi sfruttat aktar il-potenzjal tal-proġetti solari u eoliċi lil hinn mill-kosta, kif ukoll biex jiġu estiżi s-soluzzjonijiet fuq l-art. Iż-żieda fl-isforzi f'dan ir-rigward tgħin lil Malta taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli.
- (26) Il-konsum tal-enerġija ilu jiżdied fil-biċċa l-kbira tas-setturi f'Malta mill-2019, u l-aktar prominenti fil-bini residenzjali, fost tkabbir qawwi fil-popolazzjoni. Miżuri ulterjuri li jippromwovu l-modifika retroattiva tal-istokk tal-bini jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata din ix-xejra li qed tiżdied.
- (27) Il-konġestjoni tat-traffiku tippersisti bħala sfida strutturali sinifikanti, li taffettwa b'mod negattiv is-sostenibbiltà ambjentali, il-kompetittività tal-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Il-kost ekonomiku tal-konġestjoni tat-traffiku huwa mbassar li jiżdied għal EUR 917 miljun fis-sena sal-2030 ⁽¹⁷⁾ fin-nuqqas ta' aktar miżuri ta' politika. Minkejja l-isforzi biex tittejjeb is-sistema tat-trasport pubbliku u biex tissawwar mill-ġdid il-mobbiltà f'Malta, il-miżuri għad iridu jnaqqsu b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq il-karozzi privati. Mill-2024, 58 % tal-popolazzjoni ta' Malta rrapportat li qatt ma użat it-trasport pubbliku. Is-settur tat-trasport għadu wkoll is-sors primarju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, li jammonta għal 48 % ta' tali emissjonijiet fl-2024, żieda ta' 45 % mill-2005. Din ix-xejra tippersisti, minkejja li l-vetturi b'emissjonijiet żero laħqu 37,7 % tar-regiſtrazzjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fl-2024, żieda ta' 17,4 punti perċentwali mis-sena preċedenti. Barra minn hekk, l-infrastruttura tat-trasport Maltija

¹⁷ Il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi ta' Malta, 2026. National Transport Master Plan 2030. <https://infrastructure.gov.mt/wp-content/uploads/2026/01/NATIONAL-TRANSPORT-MASTERPLAN-2030.pdf>.

għadha vulnerabbli ħafna għar-riskji relatati mal-klima, b'punteġġ tal-indiċi tal-vulnerabbiltà tat-trasport ta' 0,42, wieħed mill-ogħla fl-UE. Biex Malta tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku u l-emissjonijiet li qed jiżdiedu mit-trasport, huma meħtieġa politiki ta' mobbiltà sostenibbli li jiskoraġġixxu l-użu tal-karozzi, inkluż billi jintroduċu korsiji ddedikati għall-karozzi tal-linja, jirrestrinġu l-aċċess għall-vetturi f'żoni konġestjonati u jillimitaw id-disponibbiltà tal-parkeġġ. Fl-istess ħin, it-titjib tal-effiċjenza tat-trasport bit-triq u marittimu, flimkien ma' investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, b'mod partikolari infrastruttura tal-mobbiltà attiva bħal networks estiżi taċ-ċikliżmu u tal-persuni bil-mixi, kif ukoll xarabanks b'emissjonijiet żero u infrastruttura tal-irriċarġjar tal-fjuwils alternattivi, jiżguraw bidla lejn għażliet ta' trasport aktar sostenibbli u multimodali. Huma meħtieġa investimenti addizzjonali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għar-riskji relatati mal-klima, inklużi avvenimenti estremi tat-temp.

- (28) Mingħajr eliminazzjoni gradwali ppjanata, is-sussidji għall-fjuwils fossili ammontaw għal madwar 1 % tal-PDG ta' Malta fl-2024, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 0,32 %. Is-sussidji għall-fjuwils fossili jiskoraġġixxu l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, fl-effiċjenza enerġetika u fl-elettrifikazzjoni tat-trasport, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi, tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u tiġi promossa kwalità tal-ħajja aħjar f'Malta. Fl-istess ħin, is-sussidji ta' Malta għall-fjuwils fossili jirrappreżentaw piż fiskali kbir. Dawn ma jipprovdux appoġġ kosteffiċjenti lill-ekonomija matul perjodi ta' prezzijiet internazzjonali għoljin tal-enerġija u ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku b'mod immirat.
- (29) Malta tiġġenera wħud mill-ogħla livelli ta' skart per capita fl-UE, li l-maġġoranza l-kbira tiegħu jintrema fil-miżbliet, u dan jagħmel pressjoni konsiderevoli fuq l-ambjent naturali tal-gżejjer. Fl-2024, il-ġenerazzjoni tal-iskart municijali laħqet 621 kg per capita, waħda mill-ogħla rati fl-UE, filwaqt li r-rata ta' riċiklaġġ baqgħet baxxa b'mod kritiku b'16,7 %, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 48 %. Malta diġà naqset milli tilħaq il-mira ta' riċiklaġġ tal-iskart municijali tal-2020 ta' 50 % u issa tinsab f'riskju li ma tilħaqx il-mira tal-2025 ta' 55 %. Barra minn hekk, fl-2023, ir-rata tal-landfills għall-iskart municijali kienet ta' 74 %, li taqbeż bil-kbir il-medja tal-UE ta' 22 %. Id-distakk sostanzjali bejn ir-rata attwali tal-landfills u l-mira tal-2035 għar-rimi tal-iskart municijali f'landfills ta' 10 % għadu ta' tħassib urġenti. Minkejja żieda fl-investimenti fl-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart u l-introduzzjoni ta' diversi inizjattivi ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ, il-miżuri adottati għadhom ma rriżultawx f'effetti li jistgħu jitkejlu fuq il-prestazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart. Għalhekk, Malta tibbenefika jekk tosserva l-ġerarkija tal-iskart billi tipprijoritizza l-prevenzjoni tal-iskart, issaħħaħ il-prattiki tar-riċiklaġġ u tal-ekonomija ċirkolari, kemm permezz ta' infurzar aktar strett tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti dwar l-iskart kif ukoll billi tespandi l-infrastruttura tar-riċiklaġġ u tal-użu mill-ġdid, filwaqt li taċċellera l-investimenti ppjanati fil-faċilitajiet tal-ipproċessar tal-iskart biex titnaqqas id-dipendenza fuq ir-rimi f'landfills.
- (30) Malta qed tiffaċċja skarsezza strutturali tal-ilma, aggravata minn tkabbir sostanzjali tal-popolazzjoni, temperaturi li qed jogħlew u nixfiet fit-tul, li naqqsu b'mod sinifikanti d-disponibbiltà tal-ilma ħelu. Din l-isfida hija enfasizzata mill-Indiċi tal-Isfruttament tal-Ilma Plus (WEI+) staġjonali, li laħaq 66,7 % fit-tielet kwart tal-2023, it-tieni l-ogħla livell fost l-Istati Membri tal-UE, li jindika skarsezza severa tal-ilma. Id-domanda għolja għall-ilma, xprunata primarjament mis-setturi tat-turiżmu, tal-agrikoltura, domestiċi u industrijali, tintensifika iktar l-iskarsezza. B'reazzjoni għal dan, Malta fittxet li ttaffi dawn il-perssonijiet permezz ta' żieda fl-estrazzjoni tal-ilma

ta' taħt l-art u d-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar. Minbarra l-iskarsezza tal-ilma, il-kwalità ħażina tal-ilma għadha kwistjoni persistenti f'Malta. Kif deskritt fit-Tielet Pjan ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara ta' Malta, 58 % biss tal-korpi tal-ilma tal-wieċ (skont l-għadd) kisbu status ekoloġiku tajjeb jew għoli, filwaqt li 45 % biss laħqu status kimiku tajjeb. Fir-rigward tal-ilma ta' taħt l-art, 82 % tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art (skont iż-żona) naqsu milli jiksbu status kwantitattiv tajjeb, u 100 % ma laħqux status kimiku tajjeb. Il-persjonijiet ewlenin fuq il-kwalità tal-ilma tal-wieċ u tal-ilma ta' taħt l-art jirriżultaw minn attivitajiet agrikoli u intrużjoni salina minħabba astrazzjoni żejda. Barra minn hekk, żewġ agglomerazzjonijiet Maltin għadhom mhux konformi mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi minħabba l-proporzjon baxx ta' unitajiet domestiċi konnessi ma' mill-inqas trattament sekondarju tal-ilma urban mormi. Biex tindirizza dawn l-isfidi, Malta tibbenefika mill-espansjoni tal-investimenti fl-infrastruttura tal-ħsad tal-ilma tax-xita urban u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, li jistgħu jnaqqsu r-riskji tal-għargħar u jtejbu r-riforniment tal-ilma ta' taħt l-art. Barra minn hekk, regolamentazzjoni aktar stretta tal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u l-kapaċità estiża tat-trattament tal-ilma mormi jidhru li huma meħtieġa biex tittejjeb il-kwalità tal-ilma u jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ilma tal-wieċ u tal-ilma ta' taħt l-art.

- (31) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-ħiliet u l-edukazzjoni, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lil Malta jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.
- (32) In-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet jirriskjaw li jimminaw is-suq tax-xogħol b'saħħtu ta' Malta u jfixklu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħha. Minkejja rati għoljin ħafna ta' pożizzjonijiet vakanti, għad hemm lakuni kritiċi fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), il-kostruzzjoni, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u r-rwoli tat-tranżizzjoni ekoloġika, b'43 % tad-ditti li ma għandhomx impjegati b'ħiliet ekoloġiċi u żewġ terzi jirrapportaw forza tax-xogħol mhux imħejjija. Il-ħiliet ipprovduti mis-sistema Maltija tal-edukazzjoni u t-taħriġ ma jlaħħqux mad-domanda tas-suq tax-xogħol, li huwa dovut ukoll għall-governanza frammentata tal-ħiliet u l-kapaċità ta' tbaħħir. It-tiħiħ tal-għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet jista' jgħin biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jiġi indirizzat l-ispariġġ eżistenti. Il-gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) jammontaw għal 13,8 % biss tal-gradwati postsekondarji, ferm taħt il-medja tal-UE, b'saħħansitra inqas nisa, u Malta rreġistrat l-aktar reġistrazzjoni STEM postsekondarja baxxa fl-UE fl-2023. Il-perkorsi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) ukoll mhumiex biżżejjed, b'apprendiment limitat ibbażat fuq ix-xogħol u l-adozzjoni ta' programmi tal-VET relatati ma' STEM, b'mod partikolari fost in-nisa. Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti għadha irregolari peress li sehem żgħir biss mill-grupp kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet jinvolvu ruħhom fit-taħriġ. Id-diskrepanzi persistenti fil-ħiliet bażiċi jkomplu jaggravaw l-isfida: wieħed minn kull tliet persuni ta' 15-il sena ma għandux ħiliet bażiċi fil-matematika, fil-qari jew fix-xjenza, filwaqt li nofs dawk ta' bejn it-12 u t-13-il sena ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi. Dgħufijiet fil-provvista tal-għalliema, fl-iżvilupp professjonali u fl-appoġġ għal klassijiet dejjem aktar diversi jirriskjaw li jillimitaw il-kapaċità tas-sistema edukattiva li ttejjeb l-eżiti tat-tagħlim. Biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, it-tiħiħ tal-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-użu ta' għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet, it-taħriġ

tal-għalliema, l-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali marbuta ma' mpjieg, u t-titjib tal-ħiliet tal-adulti, speċjalment fl-oqsma STEM u tat-tranżizzjoni ekoloġika, huma essenzjali biex jitnaqqsu n-nuqqasijiet, jittejbu l-eżiti tal-edukazzjoni, u l-ħiliet jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

- (33) L-inklużività limitata tal-edukazzjoni u t-taħriġ, li diġà tibda fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, tfixx il-potenzjal ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Minħabba nuqqas ta' persunal li jgħallem kwalifikat b'mod adegwat u Prattiki ta' tagħlim u kurrikuli ineffettivi, is-sistema ma taqdx b'mod suffiċjenti lit-tfal kollha, inkluż l-istudenti b'diżabbiltà. Id-disparitajiet persistenti fl-eżiti tal-apprendiment u tal-impjiegi marbuta mal-isfond soċjoekonomiku u t-tip ta' skola jissuġġerixxu li għad hemm sfidi sinifikanti ta' ekwità. B'mod partikolari, il-progress insuffiċjenti huwa partikolarment prevalenti fost l-istudenti minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati: 51,5 % għandhom prestazzjoni baxxa fil-qari, 47,7 % fil-matematika u 46,0 % fix-xjenza. Barra minn hekk, it-tluq bikri mill-iskola għadu partikolarment għoli fost iż-żgħażaġh b'diżabbiltà, filwaqt li għadd sinifikanti ta' żgħażaġh b'diżabbiltà mhumiex f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ. Fir-rigward tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (early childhood education and care, ECEC), is-sistema ta' Malta bħalissa tankra l-intitolament tal-ECEC għall-attività tal-ġenituri (impjieg, edukazzjoni, taħriġ) aktar milli intitolament universali jew ibbażat fuq il-faqar. Għalkemm id-dispożizzjonijiet reċenti espandew għal xi gruppi ta' ġenituri qiegħda, id-distakk fil-parteċipazzjoni bejn it-tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) u dawk mhux AROPE għadu wiesa' ħafna: it-tfal mhux AROPE kienu kważi darbtejn aktar probabbli (48,2 %) li jattendu aktar minn 25 siegħa ta' ECEC fil-ġimgħa meta mqabbla ma' dawk f'riskju (24,9 %). Għad hemm ukoll tħassib dwar il-kwalità tal-forniment tal-ECEC, peress li stimi reċenti jissuġġerixxu li aktar minn wieħed minn kull ħamsa tal-persunal tal-indukrar tat-tfal ma għandux kwalifiki pedagoġiċi rilevanti, li jistgħu jillimitaw il-potenzjal tiegħu li jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet bikrija, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati. It-tisħiħ tal-appoġġ immirat għat-tfal minn sfondi żvantaġġati u dawk bi ħtiġijiet addizzjonali irrispettivament mill-isfond ta' impjieg jew edukattiv tal-ġenituri tagħhom jidher li huwa meħtieġ.
- (34) Il-kwalità mhux uniformi tal-impjiegi xxekkel iż-żamma tal-ħaddiema. Is-sehem ta' impjiegi b'pagi baxxi żdied, b'aktar minn 10 % tal-ħaddiema jibqgħu f'impjiegi b'pagi baxxi għal dawn l-aħħar erba' snin, u dan jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Malta tirreġistra wkoll sehem relattivament għoli ta' sigħat tax-xogħol atipiċi (39,1 % tal-ħaddiema vs 32,6 % fl-UE). Diversi setturi jiddependu dejjem aktar fuq ħaddiema ċittadini ta' pajjiżi terzi, bħall-kura tas-saħħa. Madankollu, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol aktar dgħajfa u kwalità baxxa tal-impjiegi f'diversi dimensjonijiet: sigħat twal ta' xogħol, fatturat oġhla, prospetti ristretti ta' progressjoni fil-karriera, drittijiet limitati f'każ ta' telf ta' impjieg, u kundizzjonijiet aġħar tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Il-faqar fost dawk li jaħdmu qed ikollu wkoll impatt sproporzjonat fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (17,3 % meta mqabbel ma' 5,6 % tal-popolazzjoni nattiv). Il-kapaċità tal-ispezzjoni tax-xogħol żdiedet iżda għadha taħt l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u s-sanzjonijiet għall-ksur għadhom relattivament baxxi. L-indirizzar tat-tħassib dwar impjiegi ta' kwalità, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, u t-tisħiħ ulterjuri tal-ispezzjoni tax-xogħol jista' jkollhom impatt pożittiv fuq id-dawran tal-ħaddiema u r-rati għoljin ta' pożizzjonijiet vakanti.

- (35) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRPs tagħhom, biex jimplementaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għal Malta, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet rakkomandazzjonijiet dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames u s-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro u r-rakkomandazzjoni (6) u tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Fid-dawl tad-devjazzjoni materjali rreġistrata sal-2025 u pprojetta għall-2026 mill-Kummissjoni vis-à-vis il-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat, tieħu azzjoni biex tikkontrolla n-nefqa netta sabiex tirrispetta r-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati mill-Kunsill fl-21 ta' Jannar 2025. Issaħħaħ l-infiq fid-difiża u l-prontezza tad-difiża filwaqt li tiżgura l-effiċjenza fl-infiq u gradwalment tadatta l-baġit biex issostni nfiq strutturalment ogħla fid-difiża. Tiżgura li kwalunkwe miżura meħuda biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tkun temporanja, immirata lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, tippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li tiżgura li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Tindirizza r-riskji li għad hemm ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, tintroduċi taxxa f'ras il-ġhajn fuq pagamenti li jkunu ħerġin jew miżuri difensivi ekwivalenti, u temenda r-regoli dwar il-kumpaniji mhux domiċiljati. Tippromwovi s-settur tal-pensjonijiet supplimentari, b'mod partikolari permezz ta' skemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali.
2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokkazzjoni għal prijoritajiet strateġiċi u flessibiltajiet fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Issaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni billi żżid l-investment pubbliku fir-R&Ż u tistimula l-investment privat fir-R&Ż permezz ta' skemi ta' appoġġ effettivi u rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-akkademja u n-negozju. Issaħħaħ l-attrazzjoni u ż-żamma ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet. Ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja billi tindirizza l-kawżi pendenti u tnaqqas it-tul tal-proċedimenti.
4. Taċċellera l-produzzjoni u l-varar ta' enerġija rinnovabbli. Tnaqqas id-domanda tal-enerġija permezz ta' effiċjenza fl-enerġija mtejbja fil-bini. Tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku u tnaqqas l-emissjonijiet tat-trasport billi tiskoraġġixxi l-użu tal-karozzi, ittejjeb l-effiċjenza tat-trasport pubbliku, tiffaċilita l-multimodalità u tinvesti f'infrastruttura tal-mobbiltà attiva, kif ukoll f'infrastruttura tat-trasport reżiljenti għall-klima. Telimina gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili li mhumiex temporanji u mmirati lejn l-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli.
5. Ittejjeb il-ġestjoni tal-iskart billi tippromwovi r-riċiklaġġ u l-prattiki tal-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza fuq ir-rimi fil-landfills. Ittejjeb il-ġestjoni

u l-kwalità sostenibbli tal-ilma billi tespandi l-ġbir u l-użu mill-ġdid tal-ilma, filwaqt li tindirizza t-tniġġis fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art.

6. Issaħħaħ il-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex tindirizza l-eżiti edukattivi baxxi kif ukoll in-nuqqas serju u l-ispariġġ tal-ħiliet, speċjalment fl-iSTEM, b'mod partikolari billi trawwem il-ħiliet bażiċi tal-istudenti, it-taħriġ inizjali u kontinwu tal-ġhalliema kif ukoll tippromwovi r-reġistrazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali bbażati fuq ix-xogħol, u fl-apprendiment għall-adulti għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet. Issaħħaħ l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi ttejjeb l-aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità għolja. Tindirizza t-tħassib dwar il-kwalità tal-impjiegi f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet, inkluż għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari permezz tat-tiżniħ tal-ispezzjonijiet tax-xogħol.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*